# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 20 ta' Frar 2017**

**Numru: 1**

**Rikors numru 40/2012 AF**

**Nikolina armla ta' Alfred Xerri u wliedha Rafel Xerri, Mario Xerri u Joseph Xerri**

**v.**

**Il-Kummissarju tal-Artijiet u għal kull interess li jista' jkollu, l-Avukat Ġenerali**

**Preliminari**

**1.** Dan hu provvediment dwar it-talba li saret mir-rikorrenti appellati permezz ta' rikors tal-5 ta' Diċembru 2016 li biha a tenur tal-artikolu 734(1)(d) tal-Kap 12 talbu r-rekuża tal-Imħallfin sedenti għar-raġuni li huma ddeċidew il-kawża fil-vesti ta' Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Kummissarju tal- Artijiet v. Alfred Scerri et** Rikors 13/2003 tad-29 ta'

Novembru 2013 u li, skont ir-rikorrenti appellati, tat lok għall-proċeduri odjerni.

**Fatti**

**2.** Il-proċeduri odjerni inbdew bir-rikors promotorju ta' dan il-ġudizzju fil-Prim'Awla tal-Qorti tal-25 ta' Mejju 2012. B'dak ir-rikors ir-rikorrenti ppremettew li ma kienux aċċettaw il-kumpens ta' Lm1490 offrut lilhom mill-Gvern għax-xiri assolut ta' biċċa art f'Ħal Safi għaliex dehrilhom li l-kumpens kellu jkun ta' €279,524.80 u konsegwenzjalment l-intimat odjern Kummissarju tal-Artijiet b'rikors numru 13/2003 fl-ismijiet **Kummissarju tal-Artijiet v. Alfred Xerri** intavola rikors quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet li ġie deċiż mill-istess Bord b'sentenza tal-15 ta' Ottubru 2008 li permezz tagħha l-kumpens ġie stabbilit fl-ammont ta' €20,134 u liema sentenza ġiet appellata mir-rikorrenti. L-appell kien għadu pendenti u kien għadu ma ġiex appuntat għas-smigħ.

**3.** Bir-rikors promotorju msemmi r-rikorrenti sostnew li d-dikjarazzjoni tal-Gvernatur għall-finijiet tal-esproprju saret fis-17 ta' Marzu 1961 minkejja li l-Avviż għall-Ftehim intbagħat biss fl-14 ta' Jannar 2003 bil-konsegwenza li meta nħadem il-kumpens mill-Periti nominati mill-Bord l-art ġiet valutata minnhom bħala art agrikola u bil-

prezz kemm kien is-suq tal-art agrikola fis-sena 2003 meta fil-fatt fl-2003 l-art kienet fabbrikabbli.

**4.** Ir-rikorrenti għalhekk jilmentaw li ġew severament preġudikati u b'hekk ġew leżi d-drittijiet fundamentali tagħhom bil-fatt li bejn id-dikjarazzjoni tal-Gvernatur fl-1961 u meta nbdew il-proċeduri ta' esproprju bl-Avviż tal-Ftehim fl- 2003 għaddew għexieren ta' snin u kien hemm bidla kemm fin-natura tal-art kif ukoll fil-prezz tas-suq relattiv u per konsegwenza kellhom jigu kompensati bħallikieku l-art kienet ser tiġi trasferita lill-Istat versu l-prezz l-iktar viċin id-data meta kien ser isir il-ħlas effettiv.

**5.** Finalment, wara li ssottometta li l-proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet u s-sussegwenti appell ma jikkostitwux rimedju xieraq kif trid il-liġi u dan peress li minkejja li kienu għaddew diversi snin il-proċeduri kienu għadhom pendenti u talba sabiex l-appell mid-deċiżjoni tal-Bord jiġi appuntat ġiet miċħuda, ir-rikorrenti talbu li l-Qorti tiddikjara leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif sanċiti bl-Artikoli 1 Protokoll I tal-Konvenzjoni u bl-Artikoli 6 u 14 tal-istess Konvenzjoni u bl-Artikoli 37, 39 u 45 tal-Kostituzzjoni.

**6.** Fir-rikors promotorju r-rikorrenti jilmentaw ukoll minn trattament diskriminatorju peress li art attigwa appartenenti lil terzi ġiet rivalutata b'benefiċċju ovvju lil terzi u huma ma nagħtawx l-istess trattament.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**7.** Għalkemm il-paragrafu (d) tal-Artikolu 734(1) tal-Kap 12 invokat mir-rikorrenti appellati in sostenn tal-eċċezzjoni tagħhom ta' rekuża fih erba' sotto-paragrafi ir-rikorrenti ma speċifikawx liema sotto-paragrafu jew sotto-paragrafi kienu qiegħdin jinvokaw u għalhekk ir-rikorrenti ħalla f'idejn il-Qorti tipprova tinferixxi hi liema sotto-paragrafu jew sotto-paragrafi jista' għandhom f'rashom li jinvokaw ir-rikorrenti.

**8.** L-uniku sottostrat ta' fatt allegat mir-rikorrenti in sostenn tat-talba tagħhom ta' rekuża jikkonsisti fil-fatt li l-Imħallfin sedenti ddeċidew fil-Qorti tal-Appell il-kawża fl-ismijiet **Kummissarju tal-Artijiet v. Alfred Scerri et**, rikors 13/2003 tad-29 ta' Novembru 2013. Dan potenzjalment jista' jinkwadra unikament f'dak previst fis-sotto-paragrafu (ii) tal-paragrafu (d) tal-Artikolu 734 tal-Kap 12 u cioe`:

> "jekk il-kawża kienet ġa ġiet quddiemu bħala imħallef jew bħala arbitru:
>
> "Iżda dan ma jgħoddx għal deċiżjoni, mogħtija mill-imħallef, meta ma tkunx qatgħet definitivament il-mertu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u lanqas għal sentenza li teħles *ab observantia*".

**9.** Sabiex jista' jiġi ritenut li kawża tkun ġa ġiet quddiem imħallef għat-tenur tal-Artikolu 734(1)(d)(ii) fuq imsemmi jrid jirriżulta li l-mertu tal-kawża preċedenti li tkun ġiet deċiża mill-imħallef kienet tittratta l-istess mertu li jrid jiġi deċiż fil-kawża li tiġi quddiemu wara.

**10.** Dak deċiż bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Kummissarju tal-Artijiet v Alfred Scerri et** Rikors 13/2003 tad-29 ta' Novembru 2013 ġie deċiż skont dak li tipprovdi l-liġi ordinarja u dik il-Qorti ma daħlet xejn fil-konsiderazzjonijiet ta' natura kostituzzjonali u konvenzjonali li issa għandhom quddiemhom l-Imħallfin sedenti u li kienu jikkomponu l-Qorti tal-Appell li tat is-sentenza msemmija.

**11.** Qabel xejn għandu jiġi preċiżat li ma hux korrett li kienet is-sentenza msemmija li "tat lok għall-proċeduri odjerni", kif allegat fir-rikors tal-5 ta' Diċembru 2016 li fih ġiet sollevata l-eċċezzjoni ta' rekuża. Tant ma hux hekk li meta ġew proposti l-proċeduri odjerni s-sentenza msemmija kienet għadha anqas ingħatat.

**12.** Inoltre, bis-sentenza msemmija ġew miċħuda ħames aggravji: (i) li r-rapport tal-periti tekniċi u s-sentenza tal-Bord ma kienux motivati (ii) li l-artijiet fil-viċinanzi tqisu fabbrikabbli u konsegwentement ingħata kumpens ferm aktar għoli minn dak offrut lill-intimat (iii) li fil-komputazzjoni tal-prezz il-Bord ma hax in konsiderazzjoni l-prezz

potenzjali fuq is-suq tal-art tant li ma ssemmew ebda kriterji fattwali fir-rapport tekniku u fis-sentenza (iv) li ġie leż id-dritt ta' smigħ xieraq skont l-Artikolu 6 tal-Kap. 319 abbinat mal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Att peress li ma kienitx ħarġet dikjarazzjoni presidenzjali ġdida u stima ġdida tenut li dik eżistenti kienet tirrisali għall-1961 (v) rigwardanti l-ispejjeż tal-kawża

**13.** L-aggravji (ii), (iii), u (iv) ġew miċħuda għaliex il-Qorti tal-Appell irriteniet li kienu msejjsa fuq konsiderazzjonijiet ta' natura fattwali u għalhekk kienu insostenibbli għaliex jeżorbitaw mill-parametri tal-liġi viġenti f'dak iż-żmien. Għalhekk id-deċiżjoni mogħtija fuq dawk l-aggravji ma kinitx tolqot il-meritu tagħhom iżda kienet biss fis-sens illi kienu aggravji li ma setgħux jitressqu bħala aggravji ta' appell taħt il-liġi ordinarja kif kienet fiż-żmien relevanti. L-istess huwa l-każ għar-rigward ta' dak deċiż mill-Qorti tal-Appell dwar l-aggravji (i) u (v) fuq indikati.

**14.** Għall-kompletezza jingħad li għalkemm fir-rikors promotorju r-rikorrenti fil-paragrafu 8 jallega li l-proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet u s-sussegwenti appell ma jikkostitwix rimedju xieraq kif trid il-liġi u dan minhabba li kienu għaddew diversi snin u l-proċeduri kienu għadhom pendenti dan jidher li saru sabiex juru li ma kienx hemm rimedji ordinarji effettivi x'jeżawrixxu minkejja l-appell

pendenti mentri din ma hix fost il-kwistjonijiet rimessi għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti f'dan l-appell.

**15.** Inoltre, għalkemm il-mertu tar-rikors promotorju jallega wkoll dewmien fil-proċeduri bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni d-dewien li minnu jilmentaw ir-rikorrenti jirrigwarda dak bejn meta saret id-dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali fl-1961 u l-ħruġ tal-Avviż tal-Ftehim fl-2003 u għalhekk il-perkors tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell ma jifformax parti mill-mertu tal-appell quddiem din il-Qorti.

**Provvediment**

Għaldaqstant ma jirriżultax li dak deċiż mill-Imħallfin sedenti fil-Qorti tal-Appell fil-kawża **Kummissarju tal-Artijiet v. Alfred Scerri et**, Rikors 13/2003, fid-29 ta' Novembru 2013 jagħti lok għar-rikuża tagħhom skont l-Artikolu 734(1)(d) tal-Kap. 12 u għalhekk l-eċċezzjoni ta' rekuża sollevata mir-rikorrenti appellati qiegħda tiġi miċħuda.

L-ispejjeż ta' dan l-inċident jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali ta' din il-Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df